MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 234/2009

**W S**
**vs**
**Q S**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta’ Mejju 1999; li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg, u tordna d-debita annotazzjoni fl-att relattiv; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta qed tikkontesta r-responsabbilita’ ghan-nullita’;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' Mejju 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozzizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta r-responsabbilita' taghha.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Mejju 1999 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 21, u l-partijiet kellhom tarbija li kienet twieldet fis-26 ta' Lulju 1997.

Jirrizulta li meta l-partijiet kienu bdew johrogu flimkien l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena. Wara erba xhur, il-konvenuta harget tqila mill-attur. Huma ddecidew li jizzewwgu sabiex it-tarbija titrabba f' ambjent ta' familja. L-attur jghid li din kienet l-akbar priorita' ghalih. Din id-decizjoni taghhom taffiet il-pressjoni minn naha tal-genituri tal-konvenuta sabiex il-partijiet jizzewwgu.

Meta l-partijiet izzewwgu, beda l-inkwiet matrimonjali dovut ghall-fatt li l-partijiet kellhom vizjoni differenti ta' l-istil ta' hajja li riedu jghixu; ghax filwaqt li l-attur, li kien footballer professjonali, kien dejjem okkupat bil-loghob tal-ballun, kuljum inkluz is-Sibt u l-Hadd, u kien iffokat fuq din l-attivita' a skapitu tal-konventua, allura martu, u anke ta' bintu, il-konvenuta minn naha taghha, peress li kienet ghadha zghira, kienet tiddejjaq toqghod waheda, u ghalhekk biex tohrog, kienet kostretta tohrog mal-hbieb. Dan gab mieghu nuqqas ta' kommunikazzjoni, u nuqqas ta' ghaqda bejn il-partijiet.

Illi kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni, miz-zewg partijiet, ghax hadd minnhom ma ried tfal ohra f’ din ir-relazzjoni.

Illi l-partijiet jirrikonoxxu li huma zzewwgu unikament minhabba t-tifla u mhux ghax verament riedu jghixu l-hajja konjugali flimkien.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fuq citat, stante li huma meta hadu d-decizjoni li jizzewwgu, u wkoll meta zzewwgu dawna, ma kienux gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li matul il-konvivenza hareg li dawna kienu nkapaci li jassumu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Huwa palesi li z-zwieg bejn koppja ma jsirx sabiex tarbija titrabba f’ ambjent familjari, imma jsir sabiex il-partijiet jghixu flimkien il-hajja konjugali, u jizviluppaw bejniethom kommunjoni ta’ hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Mejju 1999.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------